



24.6.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1700/2009, ippreżentata minn C.G.R., ta' nazjonalità Rumena, dwar rikonoxximent fl-Italja tal-kwalifiki tiegħu ta' tekniku dentali li kiseb fir-Rumanija

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jitlob biex il-Parlament Ewropew jirrappreżentah quddiem l-awtoritajiet Taljani bil-għan li jiġi żgurat ir-rikonoxximent tal-kwalifiki tiegħu ta' tekniku dentali li kiseb fir-Rumanija. Huwa jindika li l-awtoritajiet Taljani ilhom aktar minn sena jipposponu l-proċedimenti fir-rigward tal-applikazzjoni tiegħu billi kontinwament jitolbu dokumentazzjoni supplimentari. Huwa jindika wkoll li l-iskadenza finali biex jirrispondu għall-applikazzjoni tiegħu, li jsostni li kienet Ottubru tal-2009, ma kinitx sodisfata.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-data 25 Frar 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet nhar 22 April 2010.

Il-petizzjonant għandu kwalifiki ta' tekniku dentali miksuba fir-Rumanija. Huwa jilmwnta li wara aktar minn sena li preżenta talba ta' rikonoxximent, f'Novembru 2008, l-awtoritajiet Taljani għadhom ma rrikonoxxewx il-kwalifiki tiegħu, filwaqt li talbuh aktar dokumenti f'diversi okkażjonijiet.

Ir-rikonoxximent tal-kwalifiki ta' tekniku dentali huwa stipulat fid-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali<sup>1</sup>. Il-professjoni ta' tekniku dentali mhix

<sup>1</sup> ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22.

armonizzata fil-Komunità, għaldaqstant taħmel parti mis-sistema ġenerali ta' rikonoxximent taċ-ċertifikati. Il-rikonoxximent mhux awtomatiku iżda msejjes fuq eżami individwali tat-taħriġ li jkun għamel il-migrant. Fil-każ ta' differenzi sostanzjali bejn it-taħriġ tal-migrant u dak rikonoxxut f'Istat Membru li jilqa', u biex jitqies, jekk ikun il-każ, it-taħriġ kumplimentari li jkun għamel il-migrant u/jew l-esperjenza professjonali tiegħu, l-Istat Membru li jilqa' jista' jimponi miżuri oħra mingħand il-migrant (eżami tal-kapaċità jew perjodu ta' adattament skont x'jaġħzel il-migrant).

Rigward l-iskadenza għat-tressiq ta' talba relatata ma' professjoni li taħmel parti mis-sistema ġenerali ta' rikonoxximent, id-Direttiva 2005/36/KE tippredvi li l-awtorità konċernata tal-Istat Membru li jilqa' għandu tirrikonoxxi li tkun irċeviet il-fajl tal-migrant fi żmien xahar minn meta din tkun irċevietha, u jekk ikun il-każ, tinforma lill-parti konċernata dwar kwalunkwe dokumenti nieqes. L-awtorità kompetenti għandha tiegħu deċiżjoni debitament motivata fl-iqsar żmien possibbli biex ikun jista' ppreżentat il-fajl kollu u mhux aktar tard minn erba' xhur għal każijiet rilevanti tas-sistema ġenerali tar-rikonoxximent taċ-ċertifikati.

L-Italja ttrasponiet id-Direttiva 2005/36/KE permezz tad-*Decreto Legislativo Nru 206 tad-9.11.2007*, u f'dan l-istadju deher li l-każ tal-petizzjonant kien każ iżolat ta' applikazzjoni ħażina tad-Dritt Komunitarju.

Il-Kumitat għall-Petizzjonijiet issuġġerixxa lill-petizzjonant biex jippreżenta l-każ tiegħu lil SOLVIT, filwaqt li l-Kummissjoni kitbet lill-petizzjonant fid-19 ta' Marzu 2010 biex tistaqsih jekk kienx għamel kuntatt man-netwerk SOLVIT. Il-Kummissjoni bħalissa qed tistenna r-risposta tiegħu.

Bħala nnota l-Kumitat għall-Petizzjonijiet, il-fatt li l-petizzjonant oppona li tiġi żvelata l-identità tiegħu iwaqqaf intervent eventwali min-naħa tal-Kummissjoni fil-konfront tal-awtoritajiet Taljani.

Il-Kumitat bħalissa qed jistenna r-risposta tal-petizzjonant għall-ittra tiegħu tad-19 ta' Marzu 2010.

#### **4. Tweġiba ulterjuri mill-Kumitat, li waslet nhar it-22 ta' April 2010.**

Kif indikat fl-osservazzjonijiet preċedenti, il-Kummissjoni kitbet lill-petizzjonant fid-19 ta' Marzu 2010. Madankollu, il-petizzjonant ma weġibx.

Għaldaqstant, minħabba li l-petizzjonant qed joġġezzjona għall-iżvelar tal-identità tiegħu u minħabba li ma weġibx l-ittra bid-data tad-19 ta' Marzu 2010, il-Kummissjoni ma tistax tintervjeni mal-awtoritajiet Taljani.